MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2009

Numru 462/2008

PULIZIJA
SPETTUR ANTHONY PORTELLI
VS
MARVIN ZAMMIT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Marvin Zammit, ta’ 21 sena, iben missier mhux maghruf u Marthese Zammit, imwieled Pieta’ nhar l-24 ta’ Lulju 1986, residenti ‘Narcis’, Triq Emvin Cremona, Msida u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 340286(M).

Illi huwa akkuzat talli gewwa l-Hamrun f’xi hin il-lejl ta’ bejn it-13 u l-14 ta’ Ottubru 2006 u l-4:00pm ikkommetta serq ta’ flus, *telephone cards* u flixken ta’ xorb alkoholiku mill-fond ‘Heidi Bazaar’, li huwa sitwat fi Triq Guze’ Pace, Hamrun, liema serq jeccedi 2,329.37 Euro, u dan sar ghad-dannu ta’ Rita Saliba minn Pembroke u/jew persuni

ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara taccedi 116.47 Euro, u dan ghad-dannu ta' l-imsemmija Rita Saliba u/jew persuni ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat Marvin Zammit, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 261, 263, 264, 267, 270, 279 u 280 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ta' sentejn, taht is-Sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta' l-imputat, l-eta' giovanili tieghu l-fedina penali tieghu u l-fatt illi l-imputat hallas u kkompensa ghal dak kollu illi huwa seraq.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------